# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Roderick Agius]

vs

Noel Borg

Kumpilazzjoni Numru: 149/18

Illum, sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Noel Borg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 159080M akkuzat talli:

Nhar il-5 ta' Jannar 2018 ghal-habta tal-23:00hrs u fil-granet u l-hinijiet ta' qabel gewwa Triq Stabal, Hal Qormi, minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljetti tal-flus tal-Euro falsifikati meta kien jaf li l-istess biljetti tal flus kienu falsifikati

U finalment akkuzat ukoll: talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x jaqsmu mal-hatra ta l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Marzu 2018 fejn biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

**Ikkunsidrat**:

Illi mix-xhieda ta' **PS 362 Wayne Borg** fejn iddikjara li fil-hamsa (5) ta' Jannar 2018 it-taqsima tal-RIU waqfet zewg (2) karozzi li kienu pparkjati magenb it-Triq l-Istabal, Hal Qormi fejn dawn talbu ghall-assistenza. Meta dawn marru fuq il-post innutaw vettura tal-marka Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni CRM 015 li kienet misjuqa minn Colin Galea u vettura ohra JBX 393 tat-tip Suzuki li

kienet misjuqa minn Noel Borg fejn dan kellu bhala passiggieri lil Wayne Falzon u lil Kersten Camilleri. Wara stharrig li ghamlu kien jirrizulta li ftit qabel Colin Galea kien involut f'serqa minn pompa tal-petrol gewwa l-Iklin. Illi minn fuq il-persuna ta' Noel Borg kien hemm ammont tal-flus, fosthom karta tal-hamsin (50), wahda tal-ghoxrin (20) u ohra tal-ghaxar (10) ewro (Dok WB1).

Xehdu ufficjali ohra tal-pulizija fejn ikkonfermaw dak kollu li qal il-kollega taghhom qabilhom.

Xehed l-<u>**Ispettur Roderick Agius**</u> fejn ikkonferma dak li qalu l-ufficjali tal-pulizija u pprezenta l-bankonoti li nstabu fuq il-persuna tal-imputat li dawn kienu gew elevati minn PS211. Jghid illi dawn instabu fil-kartiera tal-istess Noel Borg (Dok RA4). Jghid illi l-ghada kienet ittiehdet l-istqarrija tal-imputat fejn dan kien qal illi kellu fil-pussess tieghu dawn il-flus peress illi kien mar jixtri minghand xi hadd fil-Marsa b'nota ta' hames mitt ewro (€500) u dan meta tah il-bqija kien tah dawn in-noti illi sussegwentement irrizultaw li kienu foloz.

Semghet ukoll l-espert nominat mill-Qorti **Robert Mifsud** li kien nominat sabiex jezamina il-flus misjuba ghand l-imputat u jghid illi l-bankonoti misjuba u cioe' wahda tal-hamsin (50) ewro, ohra tal-ghaxar (10) ewro, u sebgha (7) noti tal-ghoxrin (20) ewro kienu kollha foloz u ma kellhom l-ebda forma ta' security feature fihom.

**Ikkunsidrat**:

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (QA Krim deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati*

*mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi l-akkuza mertu tal-proceduri odjerna tinkwadra ruhha taht l-Artikolu 188D(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min mingħajr awtorità legali -(a) jagħmel, jirċievi, jikseb, juża, jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu, xi karta maħsuba biex tixbah u biex tgħaddi bħala karta speċjali bħal dikprovduta u użata għall-għemil ta' xi biljett tal-flus, jew xi karta speċjali bħal dik imsemmija;"*

Dan ir-reat jekk jigi ppruvat igib mieghu piena ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux aktar minn hames snin prigunerija.

Illi mill-provi hareg minghajr car illi l-karti misjuba fuq il-persuna tal-imputat kienu flus foloz ghaliex skont kif qal l-espert nominat mill-Qorti u cioe' Robert Mifsud, dan jghid li kien evidenti li kienu foloz ghaliex ma kellhomx is-security features rikjesti minn karta tal-flus awtentika u ghalhekk Noel Borg huwa mahsub illi kien jaf bin-nuqqas ta' awtenticita' ta' tali noti.

Illi di piu' l-istess imputat ma tax l-ebda sodisfazzjoni almenu ta' minn fejn gabhom dawk il-flus izda fl-istqarrija tieghu jghid biss illi kien mar jixtri l-Marsa minghajr ma jaghti dettalji ulterjuri. Ta' min jippuntwalizza illi fuq il-persuna tal-imputat ma nstabitx nota wahda falza izda bejn disa' (9) noti varji li jindika minghajr ombra ta' dubju li l-imputat kien qed jippossedihom mhux bi zball izda ghaliex kien jaf ben tajjeb li kien qed jippossedihom.

Illi finalment u a rigward l-addebita tar-recidiva rikjesta fit-tieni (2) akkuza jinghad illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx din l-akkuza u dan ghaliex ma pprezentat l-ebda sentenza in sostenn ta' dan u wisq anqas ma ttella' l-ebda rapprezentant tal-Qorti sabiex jixhed rigward dawn is-sentenzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 188D(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Noel Borg hati biss tal-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal hmistax (15)-il xahar prigunerija li qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**